# OASIS CHARITY BAZAAR – 'POLICY' GĦALL-KLIJENT

*Aġġornata 2 ta' Jannar 2022*

---

***Generali***

1. Il-klijenti kollha huma milqugħa ġewwa l-Oasis Charity Bazaar u huma trattati b'kurteżija.

2. Il-ħinijiet tal-ftuħ huma mit-Tnejn sas-Sibt mid-disgħa ta' filgħodu sal-erbgħa ta' waranofsinhar (9am – 4pm) u il-Ħadd mis-sagħtejn u nofs sas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (2:30pm-7:30pm). Niftħu fil-festi pubbliċi apparti fil-Milied, fl-Ewwel tas-Sena u fl-Għid. Il-ħinijiet tal-ftuħ jinstabu wkoll fuq il-websajt tagħna www.mission4changes.org.

3. Il-'location' tal-ħanut huwa disponibbli fuq il-paġna tal-Facebook jew ikteb 'Oasis Charity Bazaar' fuq Google u titla' awtomatikament.

***Ilmenti u Suġġerimenti***

4. Il-klijenti kollha għandhom id-dritt biex jgħaddu ilment jew suġġeriment. Dawn jistgħu jiġu milqugħa fil-ħanut tal-karita' waqt il-ħinijiet tal-ftuħ, fil-kaxxa li hemm fuq il-post. Il-formoli jinstabu fil-ħanut stess.

5. Il-klijenti jistgħu jgħaddu l-ilmenti jew suġġerimenti barra il-ħinijiet tal-ftuħ billi jibgħatu email fuq admin@mission4changes.org. Jekk mhux possibbli li tibgħatu email, tistgħu ċċemplu fuq +356 99476526.

6. L-ilmenti u s-suġġerimenti kollha huma tratti b'kunfidenzjalita' u huma indirizzati minnufih.

***Ħlasijiet***

7. L-oġġetti kollha fil-ħanut huma pprezzati. Jekk oġġett ma jkunx ipprezzat, tista' issaqsi għall-prezz lil min ikun hemm jieħu ħsieb dak il-ħin.

8. L-ebda persuna mhu permessa li tieħu kwalunkwe oġġett fuq l-idejn jew bid-dejn.

9. Ħlas huwa aċċettat bi flus kontanti, Revolut, BOV Mobile Pay jew b'PayPal mill-websajt www.mission4changes.org.

10. Irċevuta tal-ħlas hija provduta jekk hi mitluba.

11. Kwalunkwe oġġett li jiġi imkisser irid jitħallas. Tnaqqis fuq l-ipprezzar jista' jiġi meqjus fid-diskrezzjoni tagħna skont l-inċident.

***Annimali u Tfal***

12. Il-ħanut jilqa' wkoll trabi, tfal żgħar u annimali sakemm ikunu mal-gwardjani jew ġenituri. Il-ħanut ma jieħux responsabbiltà għal ebda tkissir jew aċċident li jiġri waqt li t-trabi, tfal żgħar jew annimali jitħallew waħedhom.



**Voluntary Organisation No: VO/1847**
**Mission4Changes - 51, St Catherine Street MarsaXlokk, MXK1032 - Malta**

13. Kwalunkwe oġġett li huwa mkisser mit-trabi, tfal żgħar jew annimali irid jitħallas. Tnaqqis fuq l-ipprezzar jista' jiġi meqjus fid-diskrezzjoni tagħna skont l-inċident.

*Garanziji*

14. L-oġġetti kollha li jkunu fil-ħanut huma użati jew 'after-sales' – iġifieri huma prodotti ġodda iżda ma kienux mibjugħa fil-ħwienet.

15. Aħna ma noffrux garanziji fuq l-oġġetti tagħna.

16. L-oġġetti kollha li jittieħdu barra mill-ħanut huma 'non-refundable'. Oġġetti li jinstabu diffettużi jew imqatta' u li ma kienx magħruf mill-klijent, jistgħu jiġu rritornati u oġġetti oħra ta' l-istess valur jistgħu jittieħdu mingħajr ħlas ieħor.

17. Aħna ma noffrux ritorn fuq ħwejjeġ.

***Saħħa u Sigurtà***

18. Il-maskli jridu jintlibsu qabel ma tidħlu u tridu tibqgħu biha l-ħin kollu li tkunu fil-ħanut.

19. Il-klijenti huma mħeġġa jużaw is-sanitizer ta' l-idejn meta tidħlu fil-ħanut tal-karità.

20. Il-passaġġi kollha għandhom jinżammu miftuħa.

21. Il-ħanut tal-karità għandu jinżamm dejjem nadif u ordnat.

***Donazzjonijiet t'affarijiet***

22. Jekk tixtieq tagħti donazzjoni ta' xi oġġetti, tista' ċċempel il-ħanut tal-karità waqt il-ħinijiet tal-ftuħ fuq +356 99572293 jew barra l-ħinijiet tal-ftuħ fuq +356 99476526.

23. Tista' wkoll iġġib l-oġġetti fil-ħanut tal-karità waqt il-ħinijiet tal-ftuħ mingħajr avviż iżda l-Oasis Charity Bazaar tirriserva d-dritt li tirrifjuta wieħed, xi wħud jew l-oġġetti kollha li tixtieq tagħti donazzjoni.

24. Ma nħeġġux li tħallu affarijiet barra meta l-ħanut ikun magħluq. Għalkemm għandna il-kameras barra, m'għandniex il-mezzi biex nissorveljaw is-siegħat kollha.

25. L-oġġetti mogħtija bħala donazzjoni fil-prinċipju ma jistgħux jiġu ritornati lura. Wieħed xorta jista' jitlob il-possibbiltà li jirriklama. Jekk l-oġġetti ma jinbiegħux u jekk ikunu traċċabbli, nagħmlu l-almu tagħna biex nirritornawhom lura lilkom.

26. Ma noffrux ħlas għall-affarijiet li tħallu bħala donazzjoni. Lanqas ma npartu l-affarijiet li jkollna għall-bejgħ ma dawk li ġġibulna bħala donazzjoni.



**Voluntary Organisation No: VO/1847**
**Mission4Changes - 51, St Catherine Street MarsaXlokk, MXK1032 - Malta**